# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 106/2020**

**ELMO INSURANCE LTD. (C 3500)**

***VERSUS***

**RMS LIMITED (C 86973)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-tmienja (8) ta´ Ġunju elfejn u għoxrin (2020) (a fol. 1 et seq) is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ tlett mija u sitta u disgħin Ewro u erbgħa ċenteżmi tal-Ewro (Eur 396.04) rappreżentanti servizzi mogħtija mis-soċjeta´ konvenuta fir-rigward ta´ inċident li għamlet tajjeb għalih is-soċjeta´ attriċi li seħħ fl-1 ta´ Marzu 2018 fi Vjal ir-Rihan, San Gwann.

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ġiet debitament notifikata fl-erbgħa (4) ta´ Lulju elfejn u għoxrin (2020) (a fol. 6).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ppreżentat ir-risposta tagħha fit-tmintax (18) ta´ Settembru elfejn u għoxrin (2020) (a fol. 9).

Ra illi t-Tribunal ikkonċeda żmien sabiex is-soċjeta´ konvenuta tirregola ruħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tar-risposta (a fol. 11) b´dan illi fil-5 ta´ Novembru 2020, is-soċjeta´ konvenuta qalet illi l-leġittima kontradittriċi għandha tkun Road Maintenance Services Ltd. (C 29553) u b´dan ukoll illi tali soċjeta´ ġiet notifikata fil- 5 ta´ Novembru 2020 (a fol. 14).

Ra illi s-soċjeta´ Road Maintenance Services Ltd. (C 29553) kjamata in kawża ppreżentat ir-risposta tagħha fid-9 ta´ Novembru 2020 (a fol. 31 et seq).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fl-10 ta´ Mejju 2021, is-soċjeta´ attriċi għalqet il-provi (a fol. 46).

Ra illi fid-19 ta´ Jannar 2023, is-soċjeta´ konvenuta għalqet il-provi (a fol. 100).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal jidher illi hemm konflitt qawwi min seta´ jkun responsabbli għall-ħsara sofferti minn terzi persuni fil-karozza u li kienu rimborsati mis-soċjeta´ attriċi bħala l-assikurata tat-terza persuna.

Deher ċar mix-xhieda ta´ Daniel Cordina (a fol. 58) illi s-soċjeta´ konvenuta ma tagħmilx xogħolijiet barra imma "*it´s just a company biex qieghda shareholder f´joint venture fuq produzzjoni ta´ materjal....go joint venture fil-produzzjoni ta´ l-asfalt*." Allura mhux kontestat illi s-soċjeta´ konvenuta ma tista´ qatt tkun responsabbli għal ħsarat sofferti minn persuni fit-toroq.

Deher ukoll ċar mix-xhieda ta´ Mark Anthony Cardona (a fol. 81) illi s-soċjeta´ konvenuta u s-soċjeta´ kjamata in kawża ikunu konfużi immens stante illi "*Bazikament Road Services Limited huma l-istess ghal Transport Malta huma l-istess bhala RMS Limited. Jigifieri huwa l-istess...the same contractor*."

Is-soċjeta´ kjamata in kawża setgħet tinstab ħatja peress illi jidher illi d-direttur tas-soċjeta´ kjamata in kawża, u ċioe´ Joseph Desira, kien tkellem ma´ RPC 3116 Rita Mercieca (a fol. 20 u a fol. 39) u ma´ Jason Said, ir-raġel ta´ Annalisa Francalanza Said, li kienet il-persuna li soffriet danni fil-karozza tagħha u għalhekk hawn issa din il-kawża, (a fol. 53) fejn tali direttur informa lil dawn it-tali persuni illi hu important illi jsir rapport l-Għassa u jekk tali soċjeta´ hi responsabbli, hi tħallas id-danni sofferti mill-kumpanija assikurattiva tiegħu. Iżda, dan kollu kien eskluż meta xehed Mark Anthony Caruana, rappreżentant ta´ Transport Malta peress illi qal illi s-soċjeta´ kjamata in kawża ma kellhix kuntratti tat-toroq fid-dati tal-imsemmi inċident u anqas kienet indikata bħala kuntrattur minn diversi soċjetajiet illi kellhom permess fil-perjodu li seħħ l-inċident u fit-triq fejn seħħ l-inċident. Fil-fatt, Mark Anthony Caruana xehed illi "*Wara ftit tar-ricerka fis-sistema tal-permessi taghna ta´ Transport Malta bazikament hrigna l-permessi li kien hemm. Hekk ovvjament f´dan il-perjodu tal-kaz, fejn kien hemm zewg permessi min-naha ikkummisjonati mill-GO PLC, li huwa go Vjal ir-Raihan San Gwann. U fi Triq tal-Balal San Gwann. Imbaghad kien hemm zewg...kien hemm permess iehor mitlub mill-Melita PLC fi Triq tal-Balal San Gwann*" (a fol. 90 et seq).

Ukoll, l-istess imsemmi Mark Anthony Caruana, xehed b´importanza illi "*halli nasar fil-qosor, jista´ jkun hemm kaz fejn inti intervent fit-triq, li qed nghidu road works, huma kaz fejn int bilfors ghandek permezz ta´ Transport Malta. Jekk huwa kaz fejn inti mintix ha tintervjeni fi triq pero´ ha tkun qed tokkupa parti mit-triq hemmhekk jidhlu l-permess tal-Kunsill Lokali wkoll*" (a fol 92). F´dan il-każ, Annalisa Francalanza Said, li kienet il-persuna li soffriet danni fil-karozza tagħha u liema Elmo Insurance Ltd. ħallsu d-danni qalet fl-affidavit tagħha illi "*Niftakar ukoll illi dan iz-zmien kienu qieghdin isiru*

*xogholijiet fit-triq u ghalhekk, ghal parti mit-triq, kien hemm bollards tal-plastik tipikament dawk b´kulur bjod u homor. Li niftakar pero´ li kien numru mhux hazin minnhom*" (a fol. 52). Għaldaqstant, dawn il-*bollards* bilfors kienu tpoġġew minn persuna illi kellu permess mit-Trasport Malta peress illi Mark Anthony Cardona xehed kif xehed a fol. 92 u li qiegħed hawnhekk iktar ´il quddiem irrappurtat.

L-istess Mark Anthony Cardona indika wkoll illi jista´ jagħti l-każ illi l-kuntrattur prinċipali iqabbad sub-kuntrattur u t-Trasport Malta mhux dejjem tkun infurmata dwar dan iżda jiċċara wkoll illi "*Ahna dejjem nishqu li l-kuntrattur li jkun qieghed miktub fuq il-permess li huma l-persuna li gie kkummissjonat ikun responsabbli ta´ kull sub contractor li jqabbad hu*" (a fol. 91). Tali xhieda illi tinsab minn fol. 90 sa fol. 96 allura wkoll teżonera totalment lis-soċjeta´ kjamata in kawża li setgħet b´xi mod kienet responsabbli għad-danni sofferti minn Annalisa Francalanza Said fil-karozza tagħha fl-1 ta´ Marzu 2018 fi Vjal ir-Rihan, San Gwann.

Dan it-Tribunal hu tal-fehma li tali xhieda ta´ Mark Anthony Cardona għandha tingħata importanza kbira meta l-verżjonijiet tal-partijiet parti mill-kawża huwa kontradittorji u dan stante illi tali xhieda hi ta´ persuna li hu uffiċjal professjonali li jaħdem ma´ Awtorita´ u li jwassal allura illi tali xhieda hi oġġettiva. Ukoll, Mark Anthony Cardona, straħ fuq informazzjoni maħruġa mill-Awtorita´ tat-Trasport Malta b´dan illi allura hi oġġettiva u fejn anqas is-soċjeta´ attriċi ma ġieha ebda dubju fuq tali xhieda oġġettiva għaliex li kieku ċertament kienet issaqsi l-mistoqsijiet addattati.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tas-soċjeta´ attriċi. L-ispejjeż tal-proċeduri għandhom jitħallsu mill-attur.

**Avv. Ilona Schembri**
Gudikatur